DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1796

tat-28 ta' Settembru 2021

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni stabbilita mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal fir-rigward ta' deċiżjoni dwar l-istabbiliment taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Muntanja Sottomarina Evlanov (l-"MPA tan-NACES") u rakkomandazzjoni dwar il-ġestjoni tal-MPA tan-NACES

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal ([1]) (il-"Konvenzjoni"), li għaliha l-Unjoni hija Parti Kontraenti, daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Marzu 1998.

(2) Taħt l-Artikolu 10(3) tal-Konvenzjoni, il-Kummissjoni stabbilita bl-Artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni (il-"Kummissjoni OSPAR") tista' tadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

(3) Matul l-24 laqgħa tagħha fl-1 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni OSPAR ser tadotta deċiżjoni dwar l-istabbiliment taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Muntanja Sottomarina Evlanov (l-"MPA tan-NACES", *North Atlantic Current and Evlanov Seamount Marine Protected Area*) u rakkomandazzjoni dwar il-ġestjoni tal-MPA tan-NACES.

(4) Id-deċiżjoni prevista tal-Kummissjoni OSPAR tistabbilixxi l-MPA tan-NACES u tindika l-limiti tad-delineazzjoni tagħha.

(5) Ir-rakkomandazzjoni prevista tal-Kummissjoni OSPAR għandha l-għan li tiggwida lill-Partijiet Kontraenti fl-azzjonijiet tagħhom u fl-adozzjoni ta' miżuri biex jintlaħqu l-objettivi ta' konservazzjoni stabbiliti fl-anness ta' dik ir-rakkomandazzjoni.

(6) Hemm rabta mill-qrib bejn iż-żewġ atti previsti tal-Kummissjoni OSPAR u, għalhekk, huwa xieraq li t-tnejn flimkien jiġu koperti bl-istess pożizzjoni tal-Unjoni.

(7) L-atti previsti jikkonċernaw il-protezzjoni tal-ambjent, li hija kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha skont l-Artikolu 4(2), punt (e), TFUE. L-atti previsti ma jaqgħux f'qasam li fil-parti l-kbira tiegħu huwa kopert mir-regoli tal-Unjoni dwar tali protezzjoni. L-Unjoni ma għandhiex l-intenzjoni li tagħmel użu mill-possibbiltà li teżerċita l-kompetenza esterna tagħha fir-rigward ta' oqsma koperti minn dawn l-atti, li fir-rigward tagħhom il-kompetenza tagħha għadha ma ġietx eżerċitata internament.

(8) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni OSPAR, għaliex id-deċiżjoni li trid tittieħed minn din tal-aħħar ser tkun vinkolanti għall-Unjoni,

([1]) ĠU L 104, 3.4.1998, p. 2.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-24 laqgħa tal-Kummissjoni OSPAR għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-istabbiliment taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Muntanja Sottomarina Evlanov (l-"MPA tan-NACES") u rakkomandazzjoni dwar il-ġestjoni tal-MPA tan-NACES.

Artikolu 2

Jista' jintlaħaq qbil biex tiġi rfinata l-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1, fid-dawl tal-iżviluppi fl-24 laqgħa tal-Kummissjoni OSPAR, mir-rappreżentanti tal-Unjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri waqt laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
S. KUSTEC